**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**kontra**

**AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE**

**(ID: 77000(L))**

**Kaz Nru.: 141/21**

**Illum, 4 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ta' 37 sena, iben Edgar u Jeanette nee' Rainer, imwieled Londra UK nhar is-17 ta' Frar 1984 residenti gewwa 176, Tropicana, Triq Bormla, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0077000(L) akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru 2018, gewwa Division 6, Cella 4 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*5F-ADP*) fil-piz ta' 1.62g, minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati bl-Avviz 231 tal-2018.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), datat l-20 ta' Awwissu 2021, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[1];

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) l-**ispettur Paul Camilleri** li spjega li fis-16 ta' Dicembru 2018 l-Ghassa tal-Pulizija gewwa r-Rahal il-Gdid giet infurmata li kienet instabet xi sustanza suspettata droga fic-cella numru 4 gewwa Division 6 li dak iz-zmien kien qed jabita fiha l-qua imputat. Din is-sustanza instabet minn ufficjali tal-habs u giet mghoddija lil PS175 Antonello Magri. Is-surgent informal ill-Ispettur li min-naha tieghu informal ill-Magistrat Inkwerenti li istitwixxa inkjesta Magisterjali. Huwa jispjega ukoll li nhatar l-espert Emanuel Sinagra bil-ghan li janalizza l-imsemmija sustanza. Wara li l-Magistrat ikkonkluda l-inkjesta fejn gie stabbilit li s-sustanza kienet cannabis sintetika, x-xhud ha stqarrija minghand il-qua imputat fejn l-istess imputat wara li rrifjuta d-dritt tal-assistenza legali rrifjuta li jwiegeb id-domandi li sarulu hekk kif kellu kull dritt li jaghmel. (2) **Christine Farrugia** li xehdet fil-kapacita taghha ta' Deputat registratur u pprezentat Proces Verbal redatt mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud rigwwardanti sejba ta' sustanza suspettata bhala droga fuq il-persuna ta' Aaron Ritchie, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 77000L fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nhar il-5 ta' Jannar 2019 immarkat bhala 'Dok. CF'. Illi mill-atti tal-imsemmija inkjesta jirrizulta li kien nominat bhala espert ix-xjenzat Godwin Sammut li kkonkluda li "*fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 033_19_01 ma nstabux sustanzi lleciti. Ghalkemm ma nstabux sustanzi illeciti dan it-tip ta' haxix jew herbal material jista jintuza sabiex jigi sprejjat is-synthetic cannabinoids*."[2] (3) **PS175 Antonello Magri**, li fis-16 ta' Dicembru 2018 kien gie infurmat li nstabet xi sustanza llecita gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Meta mar fl-istess Facilita' huwa tkellem ma CO80 Cilia

[1] Ara fol. 2 tal-Atti processwali

[2] Fol. 41 tal-Atti processwali.

u CO170 Stephen George Camilleri fejn spjegawlu c-cirkostanzi li nstabet l-istess sustanza. L-istess xhud tkellem mal-imputat li kkonferma li dik is-sustanza kienet syntethic u li kienet ghall-uzu personali tieghu. Mix-xhieda u mid-dokumenti pprezentati ma jirrizultax li qabel ma dan ix-xhud tkellem mal-imputat huwa gie mghotti d-drittijiet tieghu skond il-ligi vigenti fosthom id-dritt tas-silenzju u d-dritt ghall-assistenza legali. Ghaldaqstant dina l-Qorti immedjatament tiddikjara li hija ser tiskarta dak li l-imsemmi xhud xehed dwar x'qallu l-imputat odjern dwar l-imsemmija sejba ta' sustanza suspettuza. (4**) Kurt Cilia** spjega li huwa jahdem fi hdan is-CCF u li fis-16 ta' Dicembru 2018 waqt li kienet qed issir strip search lill-imputat gie nnotat li l-qua imputat kellu xi haga f'idu li rrizulta li kienet sustanza suspettuza ta' kulur ahdar. In kontro-ezami l-imsemmi xhud jispjega li t-tfittxija li saret fic-cella tal-qua imputat u fuq il-persuna tieghu kienet wahda 'random'. (5) **Steven James Camilleri (CO170)** li min-naha tieghu ddikjara bil-gurament li fis-16 ta' Dicembru 2018 waqt strip search li saret fuq il-qua imputat instab li kien fil-pussess ta' sustanza suspettuza. Din instabet fil-ponn tieghu. Din giet elevata u mghoddija lil Helenio Galea. In kontro-ezami huwa jikkonferma li din it-tfittxija kienet wahda 'random' u li dak il-hin tal-ispezzjoni kien wahdu fl-imsemmija cella. (6) **Helenio Galea** kkonferma li l-qua imputat fis-16 ta' Dicmebru 2018 kienet mizmum f'Cella numru 4 f'Division 6 wara li ftit tal-granet qabel kien ghadu kif nizel minn gewwa l-Forensic Unit. Huwa kkonferma ukoll li l-qua imputat kien mizmum wahdu f'dik ic-cella.

Illi bhala provi in difesa il-qua imputat ressaq biss bhala xhud lil **Helenio Galea** li min-naha tieghu ezebixxa elenku ta' testijiet tal-urina mehuda minghand il-qua imputat (Dok HG[3]). Minn dan il-faxxikolu jirrizulta li fis-16 ta' Dicembru 2018 il-qua imputat ittestja negattiv ghas-sustanzi lleciti.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi hekk kif gie spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza l-qua imputat gie primarjament akkuzat b'pussess semplici ta' medicine psikotopika u ristretta (5F-ADB). Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta ampjament pruvat li nhar is-16 ta' Dicembru 2018 waqt li kienet qed isir tfittxija fic-cella numbru 4, f'Divizzjoni 6 (li fiha kien residenti l-imputat) kif ukoll fuq il-persuna tal-imputat odjern, l-istess imputat nstab fil-pussess ta' sustanza suspettuza. Illi din is-sustanza nstabet f'id l-imputat u ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubbju li dina kienet tieghu u li huwa kien konsapevoli u xjenti tal-istess pussess.

---

[3] Pprezentat fil-15 ta' Frar 2022.

Illi sabiex tirrizulta pruvata l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat huwa essenzjali ukoll li l-prosekuzzjoni tipprova li dik is-sustanza kienet wahda illegali ai termini tal-ligi. F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ressqet bhala prova l-atti tal-Inkjesta Magisterjali kondotta mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Joseph Mifsud rigwardanti "**sejba ta' sustanza suspettata bhala droga fuq il-persuna ta' Aaron Ritchie, detentur tal-karta tal-identita' numru 77000L fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nhar il-5 ta' Jannar 2019**" li jikkontjenu r-relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut dwar l-analizi tas-sustanza li min-naha tieghu kkonkluda li ma nstabux sustanzi lleciti.

**Madanakollu irid jinghad li l-atti tal-inkjesta magisterjali esebieta kollha inkluz ir-relazzjoni tax-xjenzat Sammut jirriferu ghal sustanza li nstabet fil-5 ta' Jannar 2019 u mhux fis-16 ta' Dicembru 2018 hekk kif akkuzat il-qua imputat.**

Mill-atti processwali odjerni kjarament jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li turi li s-sustanza elevata fis-16 ta' Dicembru 2018 kienet effettivament medicina psikotropika u ristretta. Ghaldaqstant l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat ma tistax tirrizulta fuq nuqqas ta' provi u ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjoni odjerna.

Galadarba mill-atti processwali kjarament jirrizulta li l-prosekuzzjoni esebiet *proces verbal* rigwardanti fatti differenti minn dawk li l-imputat kien akkuzat bihom, dina l-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-prosekuzzjoni (Pulizija u l-Avukat Generali) sabiex ikun hemm izjed attenzjoni meta jigi esebiet process verbal fi proceduri kriminali bil-ghan li jigi assigurat li l-Avukat Generali jesebixxi dak il-Proces Verbal li jirrigwarda l-mertu tal-proceduri kriminali in kwistjoni hekk kif fl-ahhar mill-ahhar tipprospetta l-ligi ai termini tal-artikolu 550(1) tal-Kodici Kriminali.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur